# Bord li Jirregola l-Qbejjel, Ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna

## Chairman: Magistrat Dottor Paul Coppini LL.D.

Rikors Numru 1/2001

Baskal u Doris konjugi Attard

vs

Joseph Xerri

Illum 13 ta' Frar 2002

Ic-Chairman;

Ra r-Rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti, wara li ppremettew illi l-intimat jikri minghand ir-rikorrenti porzjon mill-art maghrufa bhala "Ta' Cafura" sive "tal-Baghal" fil-limiti tax-Xewkija, Ghawdex bil-kejl ta' cirka seba' mija u tletin metri kwadri (730mk) li tmiss mit-tramuntana ma' beni ta' l-istess intimat, mil-lvant ma' beni ta' Angelo Camilleri u min-nofsinhar ma' beni ta' Maria Giovanna Vella versu l-qbiela ta' lira maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm1.75) fis-sena li jithallas fil-hmistax (15) ta' Awissu ta' kull sena b'lura.

Illi r-rikorrenti jinhtiegu din l-art ghall-uzu personali taghhom u certament il-hardship taghhom kemm-il darba dan ir-rikors ma jigix milqugh ikun ferm ikbar minn dak ta' l-intimat jekk dan ir-rikors jigi akkolt.

Talbu li dan il-Bord joghgbu, previa l-likwidazzjoni tal-kumpens li talvolta jirrizulta dovut lill-intimat, tawtorizza lir-rikorrenti sabiex fl-iskadenza li jmiss ma jgeddux din il-kirja u jirriprendu l-pussess ta' l-art fuq deskritta.

Ra r-Risposta ta' l-intimati fis-sens illi

1. preliminarjament in-nullita' ta' dan ir-rikors stante illi r-rikorrenti m'ghandhomx l-interess guridiku mehtieg sabiex jistitwixxu l-kawza odjerna stante illi huma ma humiex is-sid tal-porzjon raba mertu ta' l-imsemmi rikors u huwa biss is-sid illi jista' jitlob illi jirriprendi lura l-pussess ta' l-imsemmi porzjon raba'.

2. minghajr pregudizzju ghall-premess, preliminarjament in-nullita' ta' dan ir-rikors stante illi l-istess rikors kellu jigi dirett kontra l-intimat u l-werrieta kollha tal-mejjet Ganni Xerri u mhux kontra l-intimat biss stante illi d-dritt tas-successjoni ghall-qbiela huwa ta' l-eredi kollha.

3. Minghajr pregudizju ghall-premess, preliminarjament in-nullita’ ta’ dan ir-rikors stante illi l-istess rikors kellu jigi dirett kontra l-intimat u martu u mhux kontra l-intimat biss;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-intimat jikkontesta l-bazi li fuqu r-rikorrenti qed jitolbu illi jirriprendu lura l-imsemmi porzjon raba’ stante illi ma hux minnu illi r-rikorrenti jehtiegu din l-art ghall-uzu personali taghhom u lanqas ma hu minnu illi l-hardship taghhom kemm-il darba dan ir-rikors jigi michud ikun ferm akbar minn dak tal-intimat;

5. Illi l-intimat ilu fil-pussess ta’ din ir-raba ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena u qabel ghal xi ghaxar snin flimkien ma’ missieru, liema porzjon raba hija necessarja ghalih u ghall-familja tieghu stante illi tipprovdi parti mill-ghixien ta’ kuljum tal-familja tieghu;

6. Illi l-intimat ghandu bzonn l-imsemmi raba’ ghall-uzu personali tieghu u tal-familja tieghu stante illi huwa m’ghandux raba iehor u dan il-porzjon raba huwa l-uniku illi fih jista’ jkabbar diversi hxejjex ghall-htigiijiet tal-familja tieghu.

Ghaldaqstant l-intimat jitlob umilment illi dan l-Onorablli Bord joghgbu jichad dan ir-rikors.

Ra l-verbal tieghu tat-12 ta’ Dicembru 2001 fejn dan ir-Rikors thalla ghad-decizjoni fuq it-tieni eccezzjoni prelinimari ta’ l-intimat.

Ra noti ta’ l-osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet dwar din l-eccezzjoni.

Ikkunsidra:

Illi din l-eccezzjoni hija fis-sens illi r-Rikors prezenti kellu jigi dirett mhux biss kontra l-intimat, imma wkoll kontra hutu kollha bhala werrieta ta' missierhom mejjet Ganni Xerri, li originarjament kien ha r-raba in kwistjoni bi qbiela minghand l-aventi kawza tar-rikorrenti.

Minkejja din l-eccezzjoni, l-intimat ammetta fid-deposizzjoni tieghu illi kien hu li kien jghin lill-missieru fil-kultivazzjoni ta’ dan ir-raba, u li meta dan refa’ mix-xoghol, baqa’ jahdmu l-intimat wahdu. Qal ukoll illi kien ftiehem bil-kelma ma’ hutu li l-qbiela kellu jhallasha hu, kif fil-fatt beda jaghmel. Imkien ma rrizulta li hut l-intimat qatt kellhom x’jaqsmu ma’ din ir-raba, jew li vvantaw xi pretensjonijiet fuqha (ara xhieda intimat a fol. 14 –16 tal-process).

Huwa ghalhekk evidenti illi hawnhekk ghandna cessjoni ta’ kirja kif imfissra fil-Kap.199 li huwa l-ligi specjali li jirregola t-tigdid ta’ kiri ta’raba. Ghall-kuntrarju tal-ligi civili, fejn fin-nuqqas ta’ disposizzjoni testamentarja kuntrarja, l-wirt jaqa’ fuq il-werrieta kollha tad-decujus, din il-ligi

primarjament tirrikonoxxi bhala inkwilin uniku lil dak il-membru tal-familja li lilu jkun gie cedut ir-raba mill-inkwilin originali (art.2).

A skans ta' ripetizzjonijiet inutili, qed issir referenza shiha ghas-sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell imsemmija fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tar-rikorrenti dwar ic-cessjoni tal-kirja ta' raba' mqabbla. Fid-dawl ta' l-insenjament indikat f'dawn is-sentenzi, c-Chairman ma jistghax ghalhekk ma jaqbilx ma' dak li jikkontendu r-rikorrenti fl-istess Nota, fis-sens illi, gialdarba mill-istess deposizzjoni ta' l-intimat jirrizulta li huwa c-cessjonarju tal-kirja, it-talba presenti ma setghetx tigi ndirizzata hlief lilu, bhala l-inkwilin attwali rikonoxxut bhala tali mill-ligi stess.

Ghal dawn il-motivi, tichad din l-eccezzjoni ta' l-intimat, u thalli r-Rikors ghall-kontinwazzjoni.

L-ispejjez jibqghu riservati ghad-decizjoni finali.

(ft.) Paul Coppini
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur